MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 988/1992/1

**Tarcisio Borg bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Sharon u permezz ta' nota tal-5 ta' Ottubru 1995 Sharon Borg assumiet l-atti tal-kawza peress li saret maggorenni**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija, Tabib Ewlieni tal-Gvern, Jimmy Fenech u Charles Pace ghan-nom u bhala direttur ta' Mosta Auto Dealers Co Ltd**

**<u>Citazzjoni</u>**.

F'citazzjoni prezentata fl-4 ta' Settembru 1992 jinghad li Sharon Borg kienet involuta f'incident tat-traffiku li sehh fil-

21 ta’ Ottubru 1990 bejn Haz-Zebbug u Rabat meta kienet passigiera f’Ford Escort (Reg. No.S-1493) misjuqa minn Jimmy Fenech.

Peress illi a kawza ta’ tali incident Sharon soffriet danni ta’ natura permanenti b’tali mod li tinsab kompletament paralizzata.

Peress illi rrizulta illi l-karozza misjuqa min Jimmy Fenech ma kienitx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni.

Peress illi l-incident awtomobilistiku de quo gara tort unikament tal-konvenut Jimmy Fenech u dan minhabba negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Peress illi rrizulta illi Jimmy Fenech huwa indigenti u ma ghandux mezzi finanzjarji li l-attur kellu jirrikorri ghand il-Motor Insurance Bureau fejn attenda ukoll il-konvenut Fenech u ammetta t-tort u dina hallset biss is-somma ta’ tletin elf lira Maltin (Lm 30,000) *ex gratia*.

Peress illi d-danni attwalment sofferti mill-attur huma ferm akbar u s-socjeta Motor Insurance Bureau giet surrogata fid-drittijiet tal-attur fil-kwalita tieghu msemmija sas-somma ta’ tlettin elf lira maltin (Lm 30,000) u ghalekk permezz ta’ din l-istanza l-attur qed jikkjama danni oltre din is-somma.

Peress illi l-konvenuti kollha huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

Peress illi in effetti il-Ford Escort de quo kienet registrata ghand certu wiehed Charles Mizzi li biegh il-vettura in kwistjoni lis-socjeta Mosta Auto Dealers Co. Ltd. f’Settembru ta’ 1989 u dan Mizzi in effetti informa lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija bil-bejgh permezz ta’ ittra.

Peress illi jidher li ma sar l-ebda transfer tal-vettura la bejn Charles Mizzi u Mosta Auto Dealers Co. Ltd. u lanqas bejn Mosta Auto Dealers Co. Ltd u Jimmy Fenech.

Peress illi b’haga tal-ghageb f’Novembru ta’ 1989 Mosta Auto Dealers Co. Ltd. hallsu l-licenzja tal-vettura ghalkemm ma kienetx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni.

Peress illi jekk kuntrarjament ghal dak li skopra l-attur kien hemm polza ta’ assikurazzjoni fil-mument opportun (meta thallset il-licenzja) allura bilfors illi l-konvenut Mosta Auto Dealers Co. Ltd. ikkancellaw immedjatament wara l-bejgh il-polza ta’ assikurazzjoni.

Peress illi bl-agir taghhom il-Kummissarju tal-Pulizija u Mosta Auto Dealers Co. Ltd. Ikkontribwew serjament biex ma jkunx hemm polza ta’ assikurazzjoni u b’hekk l-attur ma setax jigi gustament u pienament kumpensat, u ghalhekk ghandhom jirrispondu ghad-danni anke a tenur tal-artikolu 1033 tal-Kodici Civili.

Peress illi skond l-opinjoni ta’ esperti medici, kemm lokali kif ukoll barranin d-danni sofferti minn Sharon kienu wisq akbar milli suppost li kienu u dan ghaliex Sharon kienet giet mishandled fil-post tal-incident u fl-Isptar San Luqa ghalhekk parti mir-responsabilita taqa fuq it-Tabib Ewlieni tal-Gvern.

Peress illi l-konvenuti kienu inutilment interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni.

Jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku tal-21 ta Ottubru gara unikament tort ta’ Jimmy Fenech minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Tiddikjara illi l-konvenut Kummissarju tal- Pulizija u Mosta Auto Dealers Co. Ltd. responsabbli ghad-danni sofferti mil-attur stante li volontarjament jew involontarjament b’negligenza jew imprudenza naqqas milli jaghmlu dak impost mil-ligi.

3. Tiddikjara l-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern responsabbli ghall-parti mid-danni sofferti mill-attur minhabba negligenza u imperizja uzata bil-mod li ttrattaw u ikkuraw lil Sharon Borg.
4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-kwalita fuq imsemmija jekk hemm bzonn bin- nomina ta' perit nominandi.
5. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni likwidati spettanti lill-attur.

**Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Mosta Auto Dealers Co Ltd[1].**

Fl-ewwel lok illi s-socjeta' Mosta Auto Dealers Co. Ltd. ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-giudizzju stante li giet citata hazin peress illi l-konvenut Joseph Pace m'huwiex direttur ta' dik is-socjeta'.

Fit-tieni lok u bla pregiudizzju ghal-permess, l-azzjoni attrici hi irrita u nulla in fatti bl-azzjoni tieghu l-attur qed jitlob il-kundanna f'daqqa ta' diversi konvenuti minghajr ma jezisti ebda ness giuridiku bejn il-kawzali dedotti minnu fil-konfront ta' kull wiehed minnhom.

Fit-tielet lok u bla pregiudizzju ghal-permess, it-talba attrici ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kontra l-attur fil-konfront tas-socjeta' konvenuta stante li ma jezisti l-ebda ness ta' kazwalita' bejn l-incident awtomobilistiku de quo u l-konsegwenti danni pretizi mill-attur min-naha l-wahda u l-eccipjenti nomine min-naha l-ohra.

Fil-meritu u bla pregiudizzju ghal-permess, illi t-talbiet attrici huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u b'hekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

**Nota tal-Eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern**[2].

M'huwiex responsabbli ghad-danni sofferti u ghalhekk ma jirrispondix ghar-rizarciment tal-istess peress li ma kien hemm l-ebda htija fil-kura medika ta' Sharon Borg. Fid-

[1] Fol. 9.
[2] Fol. 12.

dikjarazzjoni guramentata spjega wkoll li ma kien hemm l-ebda negligenza jew htija fil-kura li nghatat l-attrici.

**Nota tal-Eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija**[3].

1. Fil-konfront tieghu c-citazzjoni hi nulla ghaliex ma jezisti ebda ness fattwali jew legali ta' kazwalita bejn dak li hu attribwit lilu u d-danni pretizi.
2. Ma kienx responsabbli ghad-danni li sofriet l-attrici ghaliex l-incident kawza tad-danni pretizi gara tort ta' haddiehor.

**Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Jimmy Fenech**[4].

1. Fl-ewwel lok ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ghamel ftehim mal-attrici permezz ta' kuntratt notarili fl-atti tan-nutar Dr Marthese Felice.
2. L-ewwel talba hi f'kull kaz ghaliex fil-kuntratt diga' ddikjara li hu responsabbli ghall-incident.

**Nomina ta' periti gudizzjarji**.

B'digriet li nghata fl-1 ta' Frar 1993 il-qorti nkarigat lill-avukat Dr Joseph M. Ciappara bhala perit legali.

B'digriet tal-11 ta' Gunju 1998 il-qorti nkarigat lill-Professur Victor Griffiths bhala espert mediku wara rikors li pprezenta l-perit legali. Ir-rapport tal-perit mediku datat 19 ta' Mejju 2005[5], u l-konkluzjoni hi:-

*"Ghaldaqstant jiena insib illi ghal dak li huwa l-istat fiziku taghha, Sharon Borg fl-incident tal-21 ta' Ottubru 1990 sofriet dizabilita permanenti fil-grad ta' HAMSA U DISGHIN fil-mija (95%)."*.

B'digriet moghti fis-7 ta' Mejju 1999 il-qorti hatret lill-avukat Dr Paul Gauci Maistre peress li l-ewwel perit legali ma setax ikompli bl-inkarigu. Il-perit legali pprezenta r-rapport fid-19 ta' Frar 2008, u kkonfermah bil-gurament

[3] Fol. 14.
[4] Fol. 21.
[5] Fol. 365.

fis-seduta tal-15 ta' April 2008. Il-konkluzjoni tal-perit legali hi li t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Ottubru 1990 li fih il-vettura Ford Escort numru S-1493 misjuqa mill-konvenut Jimmy Pace baqghet diehla f'sigra. Jirrizulta li fl-incident l-attrici, li dak iz-zmien kien ghad ghandha 14 il-sena, sofriet griehi serji hafna.

2. Fir-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari ta' Mosta Auto Dealers Co. Ltd, jinghad:-

(a) Il-fatt li Joseph Pace m'huwiex direttur tal-kumpannija konvenuta, ma jfissirx li c-citazzjoni hi nulla. Hu x'inhu wara emendi li saru fil-Kap. 12, sar bizzejjed li fl-okkju tissemma isem il-kumpannija. Fir-realta l-imharrka hi l-kumpannija, u m'huwiex rilevanti jekk Joseph Pace ghandu r-rapprezentanza guridika tal-istess kumpannija. Gialadarba Charles Pace kkonferma li Joseph Pace, sa minn qabel l-incident, ma kienx ghadu direttur tal-kumpannija, il-qorti tordna korrezzjoni fis-sens li jithassar ismu mill-okkju.
(b) Il-fatt li saret kawza wahda kontra konvenuti differenti, ma jatikx lok ghan-nullita tac-citazzjoni. Minflok ghamel erbgha kawzi differenti, l-attur nomine ghamel kawza wahda dwar danni li bintu sofriet b'rizultat ta' incident tat-traffiku. L-attur nomine pprospetta dak li fid-dritt Ingliz jirreferu ghalih bhala *"multiple torfeasors"*. Il-qorti ma tarax li dan il-fatt seta' wassal ghal xi pregudizzju ghal xi hadd mill-konvenuti.

3. Fir-rigward tal-ewwel eccezjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, in-nuqqas ta' *"....kawzalita bejn dak li huwa attribwit lill-esponent u d-danni pretizi"*, ma ssarrafx f'nullita tac-citazzjoni imma semmai li fil-meritu t-talba tigi michuda.

4. Ghal dik li hi responsabbilta tal-konvenuti differenti li gew imharrkin, il-qorti tosserva hekk:-

**<u>Il-konvenut Jimmy Fenech</u>** – m'hemmx dubju li kien is-sewqan traskurat tal-konvenut li ta lok ghall-incident. Fil-karrozza kien hemm hames zghazagh. Jirrizulta li mumenti qabel sehh l-incident x'whud mill-passiggieri kienu qeghdin jitfghu qxur tal-banana lejn xulxin. Fil-fehma tal-qorti l-fatt li x-xufier tilef kontroll tal-vettura minghajr ma ta spjegazzjoni, hi fiha nnifisha prova li ma kienx qieghed isuq bil-galbu. Ma ngiebet l-ebda prova li kien hemm xi fattur indipendenti mis-sewqan ta' Fenech li ta lok ghall-incident. Fenech stess fi stqarrija guramentata li kien ghamel fid-19 ta' Frar 1991 iddikjara:-

***"Jiena naccetta li kien hemm traskuragni fis-sewqan tieghi li wassal ghal din il-habta."***[6].

Madankollu, fil-fehma tal-qorti t-talba fil-konfront ta' Fenech ma tregix. Jirrizulta li fit-13 ta' Mejju 1992 saret skrittura privata bejn Tarcisio Borg li deher ghan-nom ta' bintu u l-avukat Dr Anton Felice li deher *"....on behalf of the Motor Insurance Bureau in its own capacity as well as in representation of (a) John Mary sive Jimmy Fenech, impressed driver son of the late John Mary and Carmela nee Gauci born in Pieta and residing at St Paul's Bay as well as in representation of (b) the Security Fund, hereinafter referred to in both capacities as the Bureau."*[7]. Fl-iskrittura jinghad:-

*"Now therefore, the Bureau is paying to the claimant nomine who accepts the sum of thirty thousand Maltese Liri (Lm30,000)* ***in full and final settlement of the claimant nomine's rights for damages (including all legal costs and fees) against the tort feasor***[8] *in consequence of or in any way attributable to the accident. The claimant nomine hereby assigns and subrogates to the Bureau the victim's rights against the tortfeasor up to the sum of thirty thousand Maltese Liri."* (enfazi tal-qorti).

---

[6] Fol. 527.
[7] Fol. 525.
[8] Fl-iskrittura dan hu deskritt bhala *"Jimmy Fenech hereinafter referred to as the tort feasor."*.

Skrittura li giet iffirmata wara li Tarcisio Borg stess ipprezenta rikors fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fejn talab lill-qorti sabiex tawtorizzah:-

*"....jaccetta s-somma ta' Lm30,000 ghas-saldu tal-pretensjonijiet li Sharon Borg ghandha kontra Jimmy Fenech...... (kopja tal-agreement jinsab hawn anness)."*.

Fil-premessi tar-rikors jinghad ukoll li l-hlas ser isir *"....ghas-saldu al-pretensjonijiet li ghandha kontra Jimmy Fenech."*. B'digriet moghti fit-12 ta' Frar 2002 il-qorti volontarja laqghet it-talba.

Ghalhekk ghalkemm ma nghatax prova li fil-fatt il-ftehim sar permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-nutar Marthese Felice[9], hemm prova li ftehim sar u biha inghalqet il-kwistjoni li kien hemm ma' Jimmy Fenech.

L-attur xehed[10] li *"Wara li accettajt is-somma ta' Lm30,000 l-ispejjez baqghu gejjin. Binti regghet marret l-Ingilterra ghall-kura u l-ispejjez baqghu ghalija (tieghi u ta' marti inkluzi) hlief ghall-isptar li jhallsu l-Gvern."*.

Il-qorti tapprezza li f'dak iz-zmien, Tarcisio Borg bl-ghajnuna tal-avukat ta' fiducja tieghu, kien qieghed ifittex mezz biex jithallas kumpens ghall-effetti devastanti li halla dan l-incident fuq bintu iktar u iktar meta rrizulta li fid-data tal-incident ma kienx hemm polza ta' sigurta li tkopri lil Fenech. Hu sab ruhu f'sitwazzjoni fejn Fenech jidher li ma kellux il-mezzi finanzjarji biex jaghmel tajjeb ghall-hsara enormi li sofriet Sharon Borg u li biddlet il-hajja ta' din il-familja, u ma kienx hemm kumpannija ta' assikurazzjoni li minghandha seta' jitlob il-hlas. Kien f'dawn ic-cirkostanzi li dahlet fix-xena l-Motor Insurers Bureau. Madankollu l-ftehim li ffirma Tarcisio Borg hu car, fis-sens li fih jinghad espressament li l-hlas li kien qieghed jircievi ghan-nom ta' bintu kien ***"in full and final settlement of the claimant nomine's rights for damages (including all legal costs and fees) against the tortfeasor"***. Kliem li jeskludu ghal

[9] Ara l-eccezzjonijiet ta' Jimmy Fenech.
[10] Seduta tas-16 ta' Frar 1994 (fol. 408).

kollox il-possibilta li l-attrici tippretendi xi hlas iehor minghand Fenech. Ghalhekk it-talbiet fil-konfront tieghu ma jregux.

Saru wkoll sottomissjonijiet li l-hlas li sar kien biss pagament *ex gratia* u xejn iktar. Skond il-ftehim li gie ffirmat il-hlas sar minn Fenech minn flus li ghaddietlu l-Motor Insurer's Bureau, u missier l-attrici accetta dak il-hlas ghan-nom ta' bintu, ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha fil-konfront ta' Fenech. Ftehim li jorbot lill-partijiet. Skond l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili:-

*"(1) Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom."*[11].

**Tabib Ewlieni tal-Gvern** – l-attrici ssostni li n-nurses li ntbaghatu fuq il-post kkontribwew biex zdiedet il-hsara li sofriet. Fid-dikjarazzjoni guramentata jinghad:-

*"Illi skond l-opinjoni ta' esperti medici, kemm lokali kif ukoll barranin d-danni sofferti minn Sharon kienu wisq akbar milli suppost li kienu u dan ghaliex Sharon kienet giet mishandled fil-post tal-incident u fl-Isptar San Luqa u ghalhekk parti mir-responsabbilta taqa' fuq it-Tabib tal-Gvern Ewlieni."*.

Joseph Sammut, wiehed mill-passiggiera fil-vettura, xehed li wiehed li kien riekeb fl-ambulanza kien dahal fil-vettura u refa' lill-attrici, *"....billi ghamel id taht ghonqha u id taht saqajha*[12]*. Xi nies prezenti ikkummentaw li mhux suppost ghamel hekk. Lil Sharon qabadha qisha tarbija.... Fl-ebda mument ma libsuha kullar."*[13]. Sean Sammut,

[11] Jidher li l-attrici tapprezza dan il-fatt tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fid-19 ta' Jannar 2010 jinghad: *"Ghar-rigward il-hlas, l-esponent ighid li huwa minnu li l-attur ircieva somma minn xi fond izda pero'* ***din hija ta' l-kwittanza biss fil-konfront ta' Jimmy Vella****. L-esponent huwa tal-fhema li fil-konfront tal-konvenuti l-ohra fil-kawza odjerna ma jsitax jirrizulta li dak il-hlas ikopri ukoll id-danni rekati minhom fil-konfront tal-attur. L-esponent inoltre jghid li hu dahhal lil Jimmy Fenech f'din il-kawza, qua konvenut, biss ghaliex bhala l-persuna li hu kien qed isuq il-vettura in kwistjoni..... Illi l-attur ircieva hlas ghar-responsabbilta' li kellu Vella ghall-incident per se."* (enfazi tal-qorti fol. 664).
[12] Verzjoni differenti minn dik li tat l-attrici u x-xhud Giuseppe Galea.
[13] Fol. 432.

passiggier iehor xehed: *"Nghid illi lil Sharon ma libssuhiex kullar u qieghduha fi stretcher normali."*[14].

Sharon Borg xehedet.-

*"Bl-impact tad-daqqa hadt skoss kbir, hbatt ghonqi mas-saqaf u kissirt ghonqi. Jiena bqajt f'sensija, bdejt inzomm ghonqi ghax beda jugaghni, tellajt saqajja fuq is-seat tal-karozza u kull meta bdejt niccalaq bdejt inhoss tingiz......Nghid li gie tal-ambulanza u jien ghidtlu biex ma jmissnix minn dari ghax kien qed jugaghni dari u kien hemm ragel u qallu tmissiex li ma tmurx ghandha xi haga f'darha, u qabez ta' l-ambulanza u qallu "Mela x'gejn naghmlu hawn inharsu lejha jew ?". Imbaghad ta' l-ambulanza gebbidni fit-tarf tas-seat u gie l-iehor jerfaghni ukoll u dahhluni fl-ambulanza. Minn dak il-hin stess bdejt inhoss li ma stajtx niccaqlaq, hassejtni imdardra u kollox tqil u mejjet."*[15].

Xehed ukoll Giuseppe Galea li nzerta kien ghaddej mill-post fejn sehh l-incident. Spjega li:-

*"Biex harguha n-nies ta' l-ambulanza gibduha minn saqajha t-tnejn u gibuha mimduda wiccha 'l fuq fuq is-seat. Jien deherli li ma kienux qed jehduha bil-gentilezza u ghidtilhom dan, imma huwa wiegbu li ma kellix ghalfejn nindahal fix-xoghol taghhom. Minn fuq is-seat poggewha fuq stretcher. Ma rabtulha xejn ma' ghonqa."*.

In-nurses tal-Isptar li marru fil-post fejn sehh l-incident taw verzjoni totalment differenti, fejn spjegaw li libsuha l-kullar tal-ghonq, u wara li harguha mill-vettura ghamluha fuq *scoop stretcher*[16].

Xehed ukoll Dr George Kosmider, tabib impjegat mal-Gvern, li qal:-

[14] Affidavit a fol. 38.
[15] Affidavit a fol. 32.
[16] Charles Scerri (fol. 437), Renato Camilleri (fol. 440), Mario Mamo (fol. 442) li ghalkemm ma kienx in-nurse li assista lill-attrici kkonferma li ra qeghda tiddahhal fl-ambulanza u kienet fuq *scoop stretcher* u b'kullar f'ghonqa.

*"I was on duty when Sharon Borg was admitted to hospital on the 21st October, 1990. When I examined the girl, I diagnosed a very serious injury to the cervical spine which was constant with the patient hitting her head severely with a hard object. According to my assessment, the injury was serious from the outset and it was unlikely that any intervening circumstance aggravated it."*[17].

Wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li m'hemmx prova li tista' twassalha biex tikkonkludi li fuq bilanc ta' probabilita' l-mod kif inharget mill-vettura u dak li ghamlu n-nurses fil-post fejn sehh l-incident, ikkawza iktar hsara lill-attrici; *"Where damage results from multiple causes the courts often resort to the test of 'but for cause' – would the loss have been incurred but for the defendant's negligence. This notion is based on the view that a defendant should be liable only to the extent that it can be shown that his conduct was a condition of the claimant's hurt."* (*Markesinis and Deakin's Tort Law*[18]). Ghalkemm fic-citazzjoni jinghad li l-pariri medici li nghatat l-attrici huma fis-sens li d-danni kienu ikbar milli suppost ghaliex *"....giet mishandled fil-post tal-incident u fl-Isptar San Luqa"*, l-uniku tabib li ressqet bhala xhud, il-Professur Casalletto, qal li Sharon Borg kellha ghonqa miksur u:-

*"fl-opinjoni tieghi Sharon Borg sofriet il-griehi li kellha bhala rizultat ta' l-impatt vjolenti, ghalkemm kien hemm* ***possibilita' zghira*** *ta' fatturi ohra, kompriz mishandling kemm minnha stess, jew xi terzi li ma jifhmux jew in-nursing staff."* (enfazi tal-qorti)[19].

Dak li kien *"possibbilta' zghira"* ma jistax iservi biex jikkonvinci lill-qorti li t-tezi tal-attrici ghandha mis-sewwa.

Min-naha tieghu l-perit mediku, Prof. Victor Griffiths, irrelata:-

---

[17] Fol. 425.
[18] S. Deakin, A. Johnston u B. Markesinis (Sitt Edizzjoni) Clarendon Press, pagna 120.
[19] Seduta tat-28 ta' Novembru 1997.

*“Fl-incident tat-22 t’Ottubru 1990 SHARON BORG, tfajla ta’ 14-il sena ili llum ghandha 22, sofriet ksur b’dislokazzjoni tal-vertebri ta’ ghonqha C5/6 b’habta ta’ rasha qawwi ma’ xi parti ta’ l-intern tal-karozza li fiha kienet riekba. Dan il-ksur gie kkomplikat b’mod gravissimu billi l-ghadam miksur u spustat ghafas fuq il-mudullun tas-sinsla (spinal cord) u b’hekk ghattnu u ddistruggih parzjalment fil-livell ta’ segment C6.”*[20].

Il-perit mediku ma ghamel ebda accenn ghal xi hsara li setghet giet ikkagunata lill-attrici minhabba l-mod kif inghatat l-ghajnuna mill-impjegati tal-Isptar. Il-qorti qeghda tifhem li l-impatt li hadet l-attrici tant kien qawwi, li wahdu biss kien bizzejjed biex issofri dik il-hsara deskritta mill-perit mediku, irrispettivament dwar il-mod kif inghatat l-ewwel ghajnuna min-nurses li waslu fuq il-post.

Ghalkemm hu minnu li l-attrici xehedet li *“....skond ma qaluli l-Ingilterra ir-raguni ghax bqajt paralizzata kienet ghax kont mishandled hafna.”*, din m’hijiex prova.

Ghaldaqstant, fil-fehma tal-qorti l-attrici naqset milli taghti prova ta’ dak li ppremettiet fic-citazzjoni.

**Kummissarju tal-Pulizija** – L-attrici ssostni li l-vettura kienet licenzjata pero ma kenitx koperta minn polza ta’ assikurazzjoni, jew jekk kienet giet ikkancellata minn Mosta Auto Dealers Co Limited. Irrizulta li:-

i. Il-vettura S-1943 kienet giet registratata fl-10 ta’ April 1970 f’isem Charles Mizzi[21].
ii. Charles Mizzi kien baghat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija, datata 23 ta’ Lulju 1990, fejn infurmah li f’Settembru 1989 kien biegh il-vettura lil Charles Pace (Mosta Autodealer) u li kien ghadu ma ghamilx it-transfer[22].
iii. Brian Farrugia xehed li permezz ta’ ittri datati 21 ta’ Awwissu 1990 u 10 ta’ Jannar 1991 kienu baghatu

[20] Fol. 197.
[21] Ara deposizzjoni ta’ Brian Farrugia impjegat tal-Licensing Office (fol. 403).
[22] Kopja tal-ittra a fol. 532.

ghal Charles Pace biex jaghmel it-transfer pero baqa' ma marx.

iv. Brian Farrugia kkonferma wkoll li *"F'Novembru 1989 il-vettura kienet licenzjata b'mod normali. M'ghandna l-ebda mod biex inkunu nafu min kien hallas il-licenzja. Jista' jigi verifikat jekk il-licenzja thallsitx b'cheque jew le. Il-hlas ma jigix accettat jekk ma jkunx hemm insurance cover."*[23].

v. Xehed ukoll John Mary Sciberras, Supretendent inkarigat mill-ufficcju tal-Licenzji: *"Niftakar li xi tlett snin ilu kien gie l-attur l-ufficcju u qalli li bintu kienet giet involuta fi traffic accident u korriet gravi u kellha debilitazzjoni permanenti. Qalli wkoll li l-karrozza li kienet fiha bintu x'aktarx ma kienitx koperta b'polza ta' sigurta. Tani n-numru ta' registrazzjoni u sibt li kient licenzjata f'isem certu Mizzi minn Santa Venera. Tlabt ghall-file u l-green card. Instab il-file biss. Kellimt lill-Maggur Victor Spiteri biex jarali l-licenzja kienitx imhallas. Jien kont nassumi jekk thallset kienet thallset fuq l-insurance policy. Mill-key list irrizulta li l-licenzja kienet thallset. Ghalhekk ghidt lill-Maggur Spiteri jsibli l-counterfoil biex nivverifika dwar il-mamma. Meta rajt il-mamma, sibt li l-licenzja kien irrenovaha Tony Grech, skrivan li kien jahdem il-licenzji, u dan accertani li la darba kien irrenovaha bilfors li kien hemm insurance policy."*[24].

Ma gie pprezentat l-ebda certifikat ta' assikurazzjoni li jaghti prova li fid-data tal-incident il-vettura kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni. Tarcisio Borg xehed li l-licenzja u l-insurance thallsu f'Novembru 1989 waqt li l-vettura kienet fil-pussess ta' Pace[25], u jidher qieghed jikkonferma dak li xehed Brian Farrugia. Mid-deposizzjoni ta' Farrugia l-qorti tifhem li kien f'Novembru 1989 li ggedded il-licenzja. L-attrici tallega li l-Kummissarju tal-Pulizija hu responsabbli ghad-danni ghaliex gedded il-licenzja minghajr ma talab c-certifikat tal-assikurazzjoni biex jigi accertat li l-vettura hi assigurata. Skond l-Artikolu 7 tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzoni ta' Vetturi tal-Muturi ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), meta persuna

[23] Fol. 375.
[24] Fol. 411-412.
[25] Ara affidavit fol. 37.

titlob licenzja jew it-tigdid taghha ghandha taghti prova li fid-data li l-licenzja jkollha effett, tkun fis-sehh polza ta' assikurazzjoni. Fil-fehma tal-qorti jezisti dubju jekk dakinhar li giet imgedda l-licenzja, kienx hemm polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura. Dubju li esprima l-istess attur nomine fic-citazzjoni meta stqarr:-

*"Peress illi b'haga tal-ghageb f'Novembru ta' 1989 Mosta Auto Dealers Co. Ltd hallsu l-licenzja tal-vettura ghalkemm ma kienetx koperta b'polza ta' assikurazzjoni.*

*Peress illi jekk kuntrarjament ghal dak li skopra l-attur kien hemm polza ta' asskurazzjoni fil-mument opportun (meta thallset il-licenzja) allura bilfors illi l-konvenut Mosta Auto Dealers Co. Ltd ikkancellaw immedjatament wara l-bejgh il-polza ta' assikurazzjoni."*.
Jidher li r-records fl-Ufficcju tal-Licenzji ma nstabux, u fis-seduta tas-6 ta' Settembru 1993 Brian Farrugia xehed: *"Meta mort nivverifika dwar il-green card*[26]*, skoprejt li dan ma setatx tinsab."*[27]. Ghalkemm wiehed jista' jiguh xi suspetti dwar l-interess li xi hadd seta' kellu li dokument daqstant importanti ma jinstabx, pero l-qorti ma tistax tibbaza decizjoni fuq id-dubji.

F'nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat l-attrici fis-27 ta' Dicembru 2006, qalet[28] li gialadarba fl-1989 il-vettura ghaddiet fil-pussess tal-kumpannija konvenuta minghand Charles Mizzi u baqghet registrata f'ismu u kellha insurance valida biss sa Novembru 1989, *"Ghalhekk kif setghet tiggedded il-licenzja fuq Mizzi meta Mizzi jixhed li ma kellux aktar x'jaqsam mal-imsemmija vettura ? Per konsegwenza ta' dan kif setghet l-imsemmija vettura jkollha insurance cover ?"*. Minn dawn id-domandi jidher li l-attrici qeghda tipproponi li qatt ma setghet tinhareg polza ta' sigurta ghaliex il-vettura kienet ghadha registrata f'isem Mizzi. Pero' l-attrici ma spjegatx kif waslet ghal din il-konkluzjoni. Mill-provi rrizulta kif per ezempju fl-2005 il-

[26] *"F'kaz bhal dan, billi l-karrozza privata, ahna jkollna green card fejn jigi registrat min ikun hareg l-insurance cover."* (Brian Farrugia, seduta tat-3 ta' Settembru 1993 – fol. 403).
[27] Fol. 405.
[28] Ara fol. 172.

kumpannija konvenuta kellha polza ta' sigurta fuq il-vetturi li huma ta' proprjeta jew fil-pussess taghha, minghajr ma tissemma xi vettura parikolari, u li Charles Pace xehed kienet tezisti polza simili meta sehh l-incident.

Madankollu in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tal-Kap. 104 jidher li tezisti presunzjoni li kienet tezisti polza ta' sigurta gialadarba giet imgedda l-licenzja. Presunzjoni li l-attrici ma rnexxilhiex teghleb. F'kull kaz anke jekk wiehed ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament, gialadarba mill-provi li ressqu l-partijiet m'hemmx prova dwar jekk kienx hemm jew le polza ta' assikurazzjoni meta thallset il-licenzja fl-1989, il-qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija gedded licenzja ta' vettura meta din ma kellix polza ta' assikurazzjoni. Il-bazi li fuqha l-attrici tippretendi li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jigi ddikjarat responsabbli ghad-danni li sofriet.

**Mosta Auto Dealers Limited** hi s-socjeta li bieghet il-vettura lil Jimmy Fenech. Kif rajna skond ma jinghad fic-citazzjoni, it-tezi tal-attrici hi li din il-kumpannija ghandha taghmel tajjeb ghad-danni ghaliex:-

i. Inghatat licenzja fuq il-vettura meta ma kellix polza ta' sigurta; u
ii. Wkoll jekk kien hemm polza ta' sigurta, ifisser li l-konvenuta kienet ikkancellata.

Fir-realta' l-ebda wahda minn dawn l-ipotezijiet ma giet ippruvata.

M'hemmx prova certa dwar id-data meta Fenech xtara l-vettura minghand Mosta Auto Dealers Limited. Skond Charles Pace kien sar ftehim bil-miktub ta' *hire purchase* ma' Jimmy Fenech, li kien ta lid-difensur tieghu. Ftehim li qatt ma gie pprezentat. Filwaqt li Tarcisio Borg jaghti x'jifhem li mill-indagni li wettaq irrizulta li l-vettura kienet giet f'idejn Fenech f'Marzu 1990. Borg ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' kif wasal ghal dan it-taghrif. Fenech xehed li kien xtara l-vettura xi 15 il-jum qabel l-incident. Min-naha tieghu Charles Pace, direttur ta' Mosta Auto

Dealers Limited, xehed li ma jiftakarx meta biegh il-vettura lil Fenech[29].

Li hemm cert hu li fid-data li sehh l-incident, il-vettura kienet ghadha registrata f'isem Charles Mizzi, il-persuna li minghandha xtrat il-kumpannija konvenuta. M'hemmx dubju li f'dan ir-rigward Charles Pace ghal Mosta Auto Dealers Limited naqas.

Pace xehed:-

iii. Li qabel biegh il-vettura, kienet ilha ghandu xi sena u l-vettura kienet tintuza minn lavrant tieghu biex jaqdi biha.

iv. Li l-kumpannija kellha polza ta' assikurazzjoni ma' Gasan Insurance Agency Ltd li kienet tkopri l-lavranti li jsuqhom. Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2005 ipprezenta kopja tac-certifikat ta' assikurazzjoni[30] bhala *specimen* biex juri t-tip ta' polza li kien ikollha l-kumpannija konvenuta, inkluz fiz-zmien li sehh l-incident. F'dan id-dokument, li jkopri l-perjodu 1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Dicembru 2005, jinghad li hi assigurata *"Any motor vehicle the property of the insured or in his custody or control whilst bearing trial run."*.

v. *"Jiena kont avzajt lil Jimmy Fenech biex qabel ma jdur il-karrozza mis-sadid ma joqghodx idur biha. Dan Fenech kien dejjem jghidli illi gej ghandi imma baqa' ma giex. Il-vettura li bieghet lil Jimmy Fenech giet konsenjata lilu permezz tal-lavrant tieghu u cioe Jimmy Fenech ma saqx il-vettura mis-showroom tieghi"*.

Il-provi jindikaw li fid-data li sehh l-incident (21 ta' Ottubru 1990) Jimmy Fenech ma kienx kopert minn polza ta' sigurta. Hi flokha l-osservazzjoni li ghamel il-perit legali li: *"Minkejja kwalunkwe ftehim li seta gie milhuq bejn il-partijiet fil-bejgh ta' vettura jibqa' l-fatt illi min jixtri, f'dan il-kaz Jimmy Fenech kellu l-obbligu u d-dover li jara illi l-vettura li kien qed isuq kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni."*[31]. Dan ma kienx xi kaz fejn persuna selfet

[29] Fol. 472.
[30] Fol. 528.
[31] Fol. 347.

lill-persuna ohra vettura. Fenech bhala x-xerrej kellu obbligu li jekk ser jaghmel uzu mill-vettura, jizgura li l-vettura tieghu tkun koperta b'polza ta' sigurta. Ghalkemm fid-dikjarazzjoni li ghamel fid-19 ta' Frar 1991[32] qal: *"Jiena serraht mohhi meta rajt il-licenzja biz-zero fuqha."*, dan m'huwiex atteggjament ta' persuna serja. Il-fatt li vettura hi licenzjata ghat-triq ma jfisser xejn ghal dak li jikkoncerna polza ta' sigurta. Il-fatt li kien xtara l-vettura taht ftehim ta' *hirepurchase* lanqas ma jista jkollu konsegwenza fuq il-konkluzjoni li ser tasal ghaliha l-qorti. L-Artikolu 2 tal-Kap. 104 jaghti tifsira lill-kelma *"Sid"*:-

***"dwar vettura li hija l-oggett ta' kuntratt ta' kiri jew ta' kuntratt ta' hire purchase, tfisser il-persuna fil-pussess tal-vettura taht dak il-kuntratt."***.

Il-vettura kienet fil-pussess ta' Fenech u qatt ma kellu jaghmel uzu minnha qabel ma jaccerta ruhu li hu kopert minn polza ta' sigurta. Fenech minn jeddu ghazel li jsuq il-vettura tieghu. Fid-dikjarazzjoni fuq imsemmija jitfa l-htija fuq Charles Pace, meta qal:-

*"Lili Charlie la taghni logbook u xejn aktar.* ***Kien qalli pero li jista' jsuqha kulhadd****. Jien rajt li l-licenzja kienet imhallsa ghan-1990.* ***Jien saqsejtu fuq l-insurance u qalli li meta jiena nhallsu hu jaghtini d-dokumenti kollha****...... Jiena l-ghada tal-incident mort ghand Charlie l-AutoDealer u saqsejtu kienx hemm insurance fuq il-karrozza li kont ghadni kemm hbadt biha. Huwa rrispondini billi ghamilli insurance dak il-hin u qalli li jien traskurat."* (enfazi tal-qorti).

Il-qorti ma temminx din il-verzjoni in kwantu:-

i. Tqies li m'huwiex verosimili li l-bejjiegh qal lil Fenech li l-karrozza tista' tinstaq minn kullhadd, meta fir-realta' ma kienx hemm polza li tkoprih. Il-qorti ma tista' tahseb f'ebda raguni valida ghalfejn Charles Pace seta' qatt ighid hekk lil Fenech. Dan iktar u iktar meta tqies li l-

---

[32] Fol. 526.

kumpannija tieghu kienet fin-negozju ta’ xiri u bejgh ta’ vetturi u certament kien jaf kif imorru l-affarijiet.

ii. Ghalkemm qal li kien staqsa lil Charles Pace ghall-insurance, dan wiegbu li la jhallas il-prezz kollu jatih id-dokumenti. Il-qorti ma tarax x’ghandha x’taqsam l-insurance mal-hlas tal-prezz. Ghalhekk lanqas temmen din id-dikjarazzjoni.

iii. Ma tistax tifhem Fenech x’kien mar jistaqsi, l-ghada tal-incident, lil Charles Pace jekk il-vettura kellix polza ta’ sigurta. Fenech qatt ma spjega x’wasslu biex jaghmel hekk. Sahansitra missier l-attrici xehed li zmien wara li sehh l-incident kien tkellem ma’ Fenech u staqsieh kienx jaf li l-vettura ma kellix polza ta’ sigurta. Kompla jghid li Fenech wiegbu li kellu licenzja u *“....insurance Charles il-Berg qallu li kien fiha.”*[33]. Kliem differenti minn dak li qal Fenech.

iv. Jekk kif qal Fenech, l-ghada tal-incident Charles Pace hariglu insurance fuq il-vettura[34], il-qorti ma tista’ tahseb fl-ebda raguni ghalfejn din ma saritx fil-gurnata li sehh in-negozju jekk mhux ghaliex il-vettura ma kenitx ser tintuza minn Fenech, kif xehed Pace.

Il-kredibilita ta’ Fenech tkompli tiddghajjef meta tqies li fid-dikjarazzjoni guramentata kien iddikjara li qabel sehh l-incident kien qieghed isuq b’velocita ta’ bejn 30-35 mili. Dikjarazzjoni li ma titwemminx iktar u iktar meta tqies li hu stess qal li grat *“Habta kbira headon ma’ sigra.”*.

Fic-cirkostanzi l-qorti temmen il-verzjoni li ta Pace li Fenech ma kellux jaghmel uzu mill-vettura qabel idur il-vettura mis-sadid u mbaghad jerga’ jmur ghandu. Jekk kif issostni l-attrici ma rcevietx il-kumpens reali li kienet tkun intitolata ghaliiex il-vettura ma kellix polza ta’ sigurta li tkopri lil Fenech, dan hu tort ta’ Fenech li minn jeddu ghazel li jsuq il-vettura.

**Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi**:-

[33] Fol. 36.
[34] Il-qorti qeghda tifhem li dan bhala agent ta’ kumpannija assiguratrici lokali.

**1. Tichad l-ewwel u tieni eccezzjoni ta' Mosta Auto Dealers Co. Ltd bl-ispejjez kontra taghha.**

**2. Tilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet ta' Mosta Auto Dealers Co. Ltd.**

**3. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija bl-ispejjez kontra tieghu.**

**4. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**5. Tilqa' l-eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern.**

**6. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Jimmy Fenech fis-sens li bil-ftehim iffirmat fit-13 ta' Mejju 1992 inghalqet darba ghal dejjem il-kwistjoni dwar l-incident meritu tal-kawza, bejn l-attrici u dan il-konvenut.**

**7. Tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------